# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

# 2018

## It-Tieni Sessjoni

**Il-Malti: Il-Fehim mill-Qari**

**Il-Marki: 30 marka**

**Il-Ħin: 50 minuta**

## L-Ewwel Taqsima (10 marki)

Darba waħda, John, tifel ta' għaxar snin, niżel f'kamra taħt il-palk qadim tas-sala tal-iskola jfittex kostum tal-Kavallieri. Kien wasal Jum il-Premjazzjoni u t-tfal tas-Sitt Sena kienu qegħdin **jagħmlu l-provi tar-reċta**. Mill-ktieb Denfil 6, taħt bank tal-iskola qadim li kien ilu maħżun f'din il-kamra, John **lemaħ tixref** tarf ta' karta. Ġibidha u fiha sab dan il-messaġġ:

20/5/1980

Jennifer,

Illum wara l-iskola, bħas-soltu, għal xi l-4:30pm, niltaqgħu viċin l-uffiċċju tal-Posta biex flimkien ma' Gary, Pat u Sam immorru l-wied inkomplu niskopru l-għerien. Tinsiex tilbes il-buz, iġġib miegħek torċ u flixkun żgħir tal-ilma. Kun fil-ħin għax ma nistgħux indumu billi Miss Sammut tatna ħafna H.W. għal għada.

Narak xxx,

Anita.

### A. Immarka ✓ hux Veru (V), Falz (F) jew Ma Ssemmietx (MS). (4 marki)

| | V | F | MS |
|---|---|---|---|
| 1. John sab messaġġ imħażżeż fuq bank tal-iskola. | | | |
| 2. Il-ktieb Denfil 6 kien f'kamra taħt il-palk. | | | |
| 3. John mar ifittex kostum tal-Kavallieri għall-ħabib tiegħu. | | | |
| 4. Il-bank tal-iskola kien għadu kif inxtara. | | | |

**B. Immarka t-tweġiba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa t-tajba.** (6 marki)

| | | |
|---|---|---|
| 5. Anita u Jennifer kienu se jiltaqgħu ħdejn | ☐ | l-iskola primarja. |
| | ☐ | il-Posta. |
| | ☐ | il-wied. |

| | | |
|---|---|---|
| 6. Il-ħamest itfal kienu se jesploraw | ☐ | l-għerien tal-wied. |
| | ☐ | il-kamra ta' taħt il-palk. |
| | ☐ | il-klassi ta' Miss Sammut. |

| | | |
|---|---|---|
| 7. Il-messaġġ inkiteb minn | ☐ | John lil Anita. |
| | ☐ | Anita lil Jennifer. |
| | ☐ | Jennifer lil Anita. |

| | | |
|---|---|---|
| 8. Wara l-mawra, it-tfal riedu jagħmlu | ☐ | l-provi tar-reċta. |
| | ☐ | siegħa oħra jduru mar-raħal. |
| | ☐ | x-xogħol li tathom Miss Sammut. |

| | | |
|---|---|---|
| 9. **'Jagħmlu l-provi tar-reċta'** tfisser | ☐ | jirreċtaw waqt Jum il-Premjazzjoni. |
| | ☐ | jipprattikaw ir-reċta. |
| | ☐ | jagħmlu l-kostumi tar-reċta. |

| | | |
|---|---|---|
| 10. **'Lemaħ tixref'** tfisser li ra | ☐ | kemm kemm tidher. |
| | ☐ | tidher sew. |
| | ☐ | tixgħel u tleqq. |

## It-Tieni Taqsima (20 marka)

## Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

### L-Ewwel Parti

Kienet bdiet is-sħana u omm it-tewmin Lara u Luke fakkrithom sabiex l-iskola jieħdu magħhom ftit iktar ilma u jżommu l-ħobż fil-frisk. (par. 1)

"Ma," qabżet Lara, "kumbinazzjoni llum l-iskola ġej xi ħadd ikellimna dwar kif għandna noqogħdu attenti biex ma nimirdux bl-ikel li nieklu."

"Uff, se nitilfu l-lezzjoni tax-Xjenza minħabba f'hekk!" gemgem Luke.

"M'int se titlef xejn, Luke, għax dak huwa suġġett li jorbot tajjeb max-Xjenza u ċerta li se titgħallmu ħafna," qaltlu ommu. (par. 2)

Il-ħin tal-lezzjoni wasal u Luke fehem kemm kellha raġun ommu. Dakinhar tgħallmu kemm hu importanti li żżomm l-ikel f'temperatura addattata. L-istudenti kellhom l-opportunità li jaraw it-tipi differenti ta' moffa li tikber fuq l-ikel taħt il-mikroskopju u Luke intilef **jifli u jgħarrex** fil-forom u l-kuluri li b'għajnejk biss ma jirnexxilekx tarahom. (par. 3)

L-għalliema ħadet l-okkażjoni sabiex tagħtihom ftit tagħrif dwar l-invenzjoni tal-mikroskopju imma ma xtaqitx li l-lezzjoni tieqaf hemm. Talbet lill-istudenti sabiex ifittxu dwar invenzjoni oħra li llum insibuha f'kull dar u li permezz tagħha nippriservaw l-ikel. Qaltilhom ukoll biex ifittxu informazzjoni dwar kif kienu jippriservaw l-ikel qabel l-invenzjoni tagħha. (par. 4)

Il-ġimgħa ta' wara, Luke messu l-ewwel biex jaqra l-informazzjoni quddiem il-klassi:

"Qabel l-invenzjoni tal-friġġ, il-ħajja kienet ferm differenti. Kollox kien jittiekel frisk. Jekk hu ħaxix u frott, malli jinqata'; jekk hu ħalib, wara li tinħaleb il-mogħża; jekk hu laħam, malli jinqatel l-annimal; u jekk hu ħobż, hekk kif joħroġ mill-forn. Madanakollu, il-bniedem dejjem ħaseb f'metodi ta' kif jista' jippriserva l-ikel aktar fit-tul u kif iżomm l-ikel u x-xorb frisk. L-Eġizzjani kienu jpoġġu l-ikel f'kontenituri tal-fuħħar magħmulin apposta. Fi żmien ir-Rumani u l-Griegi, kienu jħaffru ħofor fis-silġ u jgħattu l-ikel bit-tiben biex jibqa' frisk. F'postijiet bħal Malta, fejn ma jagħmilx silġ, kienu jippriservaw il-laħam fil-melħ, iżommu l-inbid fil-kantini kesħin jew iniżżlu l-ikel fil-bir." (par. 5)

## A. Aħdem dawn li ġejjin, skont is-silta li qrajt. (8 marki)

1. Dakinhar, it-tewmin tgħallmu dwar:

   a) L-importanza tal-lezzjoni tax-Xjenza.

   b) L-importanza li nieħdu l-ħobż magħna l-iskola.

   ċ) L-importanza li nżommu l-ikel f'temperatura tajba.

2. Għaliex beda jgerger Luke?

___________________________________________________________________

3. Liema hi dik l-għodda li tissemma fl-istorja li permezz tagħha tara affarijiet li ma tarahomx b'għajnejk?

___________________________________________________________________

4. Għaliex Luke fehem kemm kellha raġun ommu?

___________________________________________________________________

5. Semmi **mod wieħed** ta' kif kien jiġi ppriservat l-ikel fl-imgħoddi.

___________________________________________________________________

6. X'taħseb li ried ifisser l-awtur meta **f'paragrafu 3** qal li Luke intilef **'jifli u jgħarrex'**?

___________________________________________________________________

7. 'Luke messu l-ewwel biex **jaqra** l-informazzjoni quddiem il-klassi.'

   Oħroġ **nom** minn **jaqra.** ____________________

8. '… iżommu l-inbid fil-kantini **kesħin** …'

   Ikteb **aġġettiv** il-kontra ta' **kesħin.** ____________________

**Kompli aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**It-Tieni Parti**

Lara għażlet li tikteb dwar l-invenzjoni tal-friġġ u xtaqet taqraha wara ħuha:

"L-invenzjoni tal-friġġ ma saritx f'daqqa. Kienu ħafna x-xjentisti li taw il-kontribut tagħhom tul medda ta' kważi mitejn sena sakemm wasalna biex ikollna l-friġġ kif għandna fid-djar tagħna llum. Fl-1755, xjentist Skoċċiż, William Cullen, kien l-ewwel wieħed li, waqt esperiment, irnexxielu jipproduċi ftit silġ. (par. 6)

Warajh, ħafna xjentisti oħrajn komplew jaħdmu fuq l-iskoperta tiegħu. Fl-Ewropa u fl-Amerika, ix-xjentisti kienu donnhom f'kompetizzjoni bejniethom biex jipperfezzjonaw din il-kaxxa li tkessaħ l-ikel. Komplew jesperimentaw kif jistgħu jħaddmuha mingħajr il-bżonn li jużaw kimiċi u gassijiet velenużi li jistgħu jkunu ta' periklu. Infetħet fabbrika kbira li tagħmel il-friġis u, sal-1939, imqassmin fid-djar Amerikani u Ewropej, kont issib żewġ miljun friġġ. Riedu, imbagħad, jgħaddu għoxrin sena oħra biex il-friġis bdew isiru jixbhu aktar lil dawk li għandna llum."

(par. 7)



Hawnhekk l-għalliema waqqfet ftit lil Lara u qalet lill-istudenti kif waħda minn dawk l-ewwel friġis li semmiet Lara għadha taħdem u nstabet m'ilux fid-dar ta' mara anzjana fl-Ingilterra. L-anzjana, li qorbot id-disgħin sena, qalet lill-ġurnalisti li kienet kuntenta bil-friġġ antika tagħha għax qatt ma kellha ħsara u l-ħsejjes li tagħmel iżommulha kumpanija. Għalhekk m'għandha l-ebda ħsieb li tibdilha. (par. 8)

Fuq il-bord interattiv l-istudenti setgħu jaraw ritratt ta' din il-mara mal-friġġ tagħha u t-tewmin ħarsu lejn xulxin, tbissmu, u fehmu għaliex in-nanna qatt ma xtaqet tarmi l-magna tal-ħasil antika tagħha! (par. 9)

**B. Wieġeb dawn li ġejjin, skont is-silta li qrajt.** (8 marki)

1. Kemm ħadu żmien ix-xjentisti biex ivvintaw il-friġġ kif nafuha llum?

______________________________________________

2. Minn **paragrafu 7**, sib u ikteb **il-frażi** li tfisser **friġġ**.

______________________________________________

3. X'kellhom ta' periklu l-ewwel friġis li ġew ivvintati?

______________________________________________

4. Semmi **raġuni waħda** għaliex l-anzjana Ingliża ma kellha l-ebda ħsieb li tibdel il-friġġ antika tagħha.

______________________________________________

5. Għaliex it-tewmin xebbhu lil din l-anzjana Ingliża ma' nannithom?

______________________________________________

6. '... sal-**1939**, imqassmin fid-djar ...' (par. 7)

   Kompli ikteb in-numru fi kliem: elf, disa' mija ______________________

7. '... l-**ħsejjes** li tagħmel iżommulha kumpanija ...' (par. 8)

   Agħti **s-singular** tan-nom **ħsejjes**. ______________________

8. '... **fehmu** għaliex in-nanna ...' (par. 9)

   Agħti **l-Mamma** tal-verb **fehmu**. ______________________

## Ċ. Aħdem dawn fuq is-silta kollha. (4 marki)

1. Skont dak li qrajt, agħti informazzjoni dwar il-progress li għamel il-bniedem biex ikollu ħajja aħjar u mingħajr perikli.

   Ikteb **żewġ** punti:

   - ______________________________
     ______________________________
   - ______________________________
     ______________________________

2. a) Agħti titlu lill-**Ewwel Parti** tas-silta.

______________________________

   b) Agħti titlu lit-**Tieni Parti** tas-silta.

______________________________

**Tmiem il-karta**